MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tas-27 ta' Frar, 2004

Talba Numru. 2053/2003

**Angelo Pace**

**Vs**

**Robby Debono u martu A. Debono u b'digriet datat 9 ta' Jannar 2004 gie ordnat illi l-ittra 'A' tigi sostitwita bl-isem Antoinette, ezercenti l-kummerc taht l-isem R and R Waste Kleaner**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-9 ta' Ottubru, 2003, fejn intalab li l-konvenuti jigu kkundannati ihallsu lill-attur s-somma ta' disa mitt lira Maltin (Lm900) rappresentanti bilanc dovut fuq zewg kambjali iffirmati mill-konvenuti ghal Lm2000 li skadew fid-19 ta' Awissu 2001, minn liema ammont thallsu Lm1100 u baqa' bilanc ta' Lm900.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali mid-data ta'l-iskadenza tal-kambjala kontra l-konvenuti, ingunti in subizzjoni.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet ta'l-attur sabiex il-konvenuti iwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikati regolarment il-konvenuti naqsu u ma dehrux la fis-seduta tas-6 ta' Frar 2004, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti ihallsu lill-attur s-somma ta' disa' mitt lira Maltin (Lm900),bl-imghax legali mid-19 ta' Awissu 2001.

L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------